# PROSPETTI SBIEĦ ĦAFNA



EDWARD SCICLUNA /Ministru għall-Finanzi



L-ekonomija ta' pajjiżna reġgħet qiegħda minn tal-ewwel fl-Ewropa speċjalment fejn jidħol tkabbir u rata ta' żieda ta' xogħol

Ma nistax nibda dan l-artiklu wara l-elezzjoni mingħajr ma nirringrazja lil kulħadd u nisperaw li l-ħidma tul din il-leġiżlatura f'dawn il-ħames snin li ġejjin tkun ta' sodisfazzjon bħalma kienet dik ta' qabilha fl-aħħar erba' snin li għaddew.

Jekk tiftakru sew qabel l-elezzjoni kien hemm dak l-istorbju, kritika u kummenti għaddejjin, wieħed jgħaddi fuq l-ieħor u dejjem jiżdiedu u jkomplu jiżdiedu. Kont ngħidilkom li l-għada tal-elezzjoni l-affarijiet jikkwietaw, it-trab jilħaq jogħqod u mbagħad immiddu jdejna għax-xogħol bħal qabel. Dan huwa llum.

Illum, l-għada tal-elezzjoni biex ngħidu hekk, irridu mmiddu jdejna u nibdew naħdmu. Wieħed irid jara fejn ħalla u fejn se nkomplu. L-elettorat ukoll daħal f'dak l-ispirtu għax ivvota kif ivvota għax jaf li wara dak l-istorbju kollu b'dak il-kliem għaddej miż-żewġ naħat, u kultant kliem iebes ħafna, fl-aħħar mill-aħħar wieħed irid jerġa' jmur lura għax-xogħol.

Il-familja trid tgħix, it-tfal imorru l-iskola u jibdew l-aspirazzjonijiet għall-futur li jsibu x-xogħol, li jkollhom dħul tajjeb li forsi jagħmlu ftit sahra u wkoll li mbagħad jitgawda dak id-dħul tagħhom permezz ta' mhux biss affarijiet li huma ta' kuljum imma ukoll xi vaganza fost affarijiet oħra. Din hija ħajja normali li l-familja taspira għaliha u emmnet li dan il-Gvern jista' jasal bħalma fil-fatt għamel f'dawn l-aħħar erba' snin.

Fejn se mmorru? L-ekonomija fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena kienet b'saħħitha, dik ta' 4.2%. Huwa minnu li kienet ftit inqas milli kienet f'din l-aħħar sena, sentejn iżda nistgħu ngħidu li sabet dak li ngħidulu ekwilibrium ta' ftit 'l fuq minn 4%. Erbgħa fil-mija hija rata tajba, anzi għall-Ewropej hija rata tajba ħafna speċjalment meta tara li aħna erġajna ġejna l-ewwel f'dik li hija rata ta' tkabbir u rata ta' żieda fix-xogħol.

Rajna rapporti oħrajn mill-Bank Ċentrali u produzzjoni mill-Eurostat u kollha qegħdin jikkonfermaw din ir-rata.

Xi tfisser din ir-rata? Tfisser li jekk ma jiżdidux il-miżuri li fil-fatt għandna ppjanati, din ir-rata wieħed għandu jistennieha b'mod normali, rata li hija wkoll sostenibbli. Abbażi ta' investiment ġdid li jkompli jistimula l-ekonomija u allura wieħed jistenna ukoll meta tista' wkoll titla' 'l fuq.

Din ir-rata hija li tlaħħaq mas-suq tax-xogħol, għax jekk għandna mhux kwistjonijiet ta' ostakli imma dawk li bl-Ingliż ngħidulhom *constrains* li jkunu qegħdin iżommuk. Għandek l-ewwel nett l-*availability* tan-nies. Il-problema llum mhix ta' nies li huma bla xogħol, biex jinstabilhom ix-xogħol, għalkemm dan dejjem jibqa' għax l-ekonomija mhix mejta, anzi, imma għaddejja l-ħin kollu. Hija bħal organiżmu ħaj u allura dejjem għandek li xi ħadd ħiereġ minn impjieg u dieħel f'impjieg ieħor.

Min ħiereġ mill-iskola, min jidħol fid-dinja tax-xogħol, min jirtira, l-ieħor joħodlu postu, bħala parti mill-proċess u dak huwa normali. Ħaġa oħra hi jekk ikollok suq limitat, bħalma fil-fatt qed jiġri f'pajjiżna, tant għandna rata qawwija li jkollna niddependu minn nies barranin biex l-ekonomija żżomm dik ir-rata u allura dejjem qed tiġi illimitata xi ftit jew wisq. Wieħed ma jistax jistenna rati li jikbru fenominali għax jilħqu dak li ngħidulu s-*cealing*. Għax hemm dak il-bżonn ta' nies *manodopera* li inti jew se tħarreġ in-nies f'pajjiżek jew inkella se jkollok tiddependi minn nies barranin. Għandek ukoll limiti oħrajn, bħal, per eżempju, l-*availability* ta' uffiċini.

L-ekonomija moderna tal-lum bħas-servizzi finanzjarji, I-Gaming u oħrajn għandhom bżonn uffiċini u allura jekk l-*availability* ma tlaħħaqx mal-produzzjoni, allura hemmhekk għandek limitazzjonijiet oħrajn.

Ma' dawn li semmejna għandek ukoll l-infrastruttura, it-toroq u traffiku. Mela allura investiment bħalma wegħedna qabel l-elezzjoni li se jkun immirat biex tkabbar l-ekonomija, tkabbar l-infrastruttura tal-ekonomija biex tlaħħaq ma' ekonomija akbar. Bħal meta lit-tfal trid tmur tixtrilhom libsa ikbar għax ikunu qegħdin jikbru u dan hu li trid l-ekonomija. Biex l-ekonomija tkun komda bħalma wieħed ikun komdu fi ħwejġu, trid tinxtara libsa li tkun adattata għall-persuna. Li issa l-ekonomija qegħda tikber allura trid infrastruttura akbar u iktar moderna.

Il-miri qegħdin hemm. Il-pjani kif se jintlaħqu dawn il-miri qegħdin hemm ukoll. L-istess il-finanzjament għalihom. Jonqos biss li nibdew nimplimentaw dak li ppjanajna. Konvint li la darba nkunu qegħdin niġbdu ħabel wieħed allura se nkunu qegħdin għal darb'oħra nirnexxu f'ħidmietna b'risq pajjiżna.

## Marlene Farrugia

Sur Editur,

Fl-ittra tiegħi intitolata "Marlene u l-Presidenza", li dehret fil-ħarġa ta' L-ORIZZONT tal-Ġimgħa, 26 ta' Mejju 2017, jiena kont żvelajt dettalji dwar il-kilba għall-poter li għandha Marlene Farrugia. Kont infurmajt lill-qarrejja li hija riedet issir il-president minflok Marie Louise Coleiro Preca u issa, li mhux se jirnexxilha li xi darba tkun president, trid tilħaq bħala kap tan-Nazzjonalisti bit-tama li xi darba tkun prim ministru.

Meta aċċettaw lil Marlene Farrugia magħhom, tal-PN daħħlu l-lifa f'ħobbhom u qabel ma tigdimhom u toqtolhom ma jkunux kuntenti. Forsi l-akbar disfatta li sofra Simon Busuttil kienet meta afda l-kampanja elettorali fuq żewġ nisa, jiġifieri Daphne Caruana Galizia u Marlene Farrugia. In-nisa huma ferm makakki u mara taf tkun kattiva u krudili biex tivvendika ruħha minn xi azzjoni vera jew immaġinarja.

Il-partit se jagħmel sew li jafda fit-tesserati għall-ħatra ta' kap ġdid, anzi anke tal-eżekuttiv kollu. Imma fl-istess waqt l-imponiment ta' żewġ kandidati biss turi li lanqas it-tesserati m'huma fdati fil-għażla ġenwina. Naturalment RCC ma jiħux pjaċir li l-kontroll ma jkunx f'idejh. Dejjem irid xi pupazz li jiġbidlu l-ispaga. Jinħtieġ li jkun hemm bidla sħiħa u ġenwina inkella jibqa' filħofra li ħaffru huma stess.

Jekk iridu jagħmlu mara bħala kap, għandhom nisa kapaċi u leali fil-partit, imma qatt m'għandhom jafdaw lil xi serp jew lifa. Hi x'inhi s-sitwazzjoni u jseħħ dak li jseħħ, il-PN irid jitwarrab mill-firien u minn dawn iż-żewġ nisa u jaħsel idu minnhom. U fuq kollox iridu jwarrbu lill-Gran Mastru li huwa mażżra kbira ma' għonqhom.

Forsi ma jafux bl-espressjoni "taqta' fil-laħam il-ħaj". Imma forsi puliti wisq biex ikunu jafu espressjonijiet tal-massa. Taparsi Kristjani u nsew kliem Ġesù meta qal li aħjar tmur il-ġenna b'id waħda. U jien ngħidilhom, aħjar tkunu fil-parlament b'inqas deputati milli taqgħu aktar għaċ-ċajt u ż-żufjett.

M'għandhomx il-kuraġġ jammettu l-iżbalji tagħhom u dejjem ifittxu xi skuża banali. Marlene taparsi tiddefendi lil Simon u ma tridux iwarrab, imma l-iskop tagħha hu uniku, għax mingħajr Simon, hi tispiċċa fixxejn. Għaliex ħafna iridu li jibqgħu jirrepetu l-istess żbalji? Il-PN jinħtieġ għaqda u li jinsew l-antik għax minn dejjem kien iffurmat minn ħafna fazzjonijiet, xi drabi kontra xulxin. Għalhekk intenni, attenti minn RCC, attenti min-nisa, l-aktar minn MF u fuq kollox minn DCG.

IR-REĠINA TA' MALTA,
Gwardamanġa